MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1321/2002/1

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Durdu Mehmet Yiyen**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm617.60), import ta' kambjali li mmaturaw fl-10 jum ta' kull xahar bejn Ottubru 2001 u Mejju 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Ra li r-rapprezentant ta' l-attur iddikjara fis-seduta tal-15 ta' Novembru li s-sorte thallas fil-meritu, u li l-attur kien qieghed izomm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jastejni milli jiehu konjizzjoni tal-meritu u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------